MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2010

Rikors Numru. 52/2006/1

**Carmela Camilleri ID 637196M) Francis Camilleri (ID 885745M) Wilfred Camilleri (passaport 927951, Joseph Camilleri ID 127550(M) u Mary Rita mart Joseph Zammit ID 281258(M) (u b'digriet tat-13 ta' Jannar 2009, wara l-mewt tal-istess Carmela Camilleri, l-atti kienu trasfuzi f'isem Francis Camilleri ID 885745M, Wilfred Camilleri (Pass.927951) Joseph Camilleri (ID 127550M) Mary Rita mart Joseph Zammit (ID 281258M)**

**vs**

**Giuseppa Cucciardi (ID 437625M)**

Il-Bord

Ra r-rikors promutur li jghid:

Illi r-rikorrenti jikru lill-intimata l-fond t'abitazzjoni Napoli, 223 Victory Street, Hamrun, bil-kera ta' Lm89.76 fis-sena, jithallas bit-tlett xhur bil-quddiem;

Illi l-intimata ma ghadhiex tuza l-fond ghall-iskop li hu mikri;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dan l-Onorabbli Bord jogghbu jiddikjara li l-intimata mhix tuza l-fond ghall-iskop mikri, konsegwentement tordna r-ripresa tal-imsemmi fond mir-rikorrenti u l-izgumbrament tal-intimata mill-fond 223, Victory  Street, Hamrun fi zmien qasir u perenntorju li joghgbu jiffissa l-istess Bord;

Bl-ispejjes.

Ra r-risposta tal-intimata li tghid:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjes u dan stante li kuntrarjament ghal dak allegat, l-intimata ghadha tokkupa l-fond lilha mikri;

Illi in effetti, l-fond indikat ghandu jitqies li ghadu r-residenza ordinarja taghha, benche' li attwalment pero' temporanjament tinsab rikoverata St. Vincent De Paule u dan skond il-gurisprudenza palesi ta' dan il-Bord;

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi din  hija kawza postulata mis-sidien ta' fond mikri ghal skop ta' residenza sabiex ikunu awtorizzati jirriprendu l-istess fond minhabba li mhux qed jintuza u dan peress illi l-kerrej hija rikoverata f'dar ghall-anzjani;

Illi l-fatt f'din il-kawza jistghu ikunu sintetizzata bil-mod segwenti: Dan il-fond kien mikri lill-intimata u lil-zewgha minnha premort.  Uliedha huma kollha mizzewga u hadd aktar ma joqghod f'dan il-fond hlief l-intimata li, izda, hija

rikoverata f'dar tal-anzjani u ilha hekk mis-sena 2004. Din hija kolpita b'kundizzjoni ta' demenzja avvanzata kawza ta' liema ma tistax tiehu hsieb taghha nnifisha u tkun tehtieg "custodial care" (fol 20). L-indirizz tal-karta tal-identita' taghha inbidel ghal dak ta' St. Vincent De Paule fejn hija rikoverata.

Ikkonsidra:

Illi kif inhu konkordament ricevut fil-gurisprudenza taghna, meta kerrej isib ruhu rikoverat f'dar tal-anzjani, dan il-fatt wahdu ma huwiex *ipso jure* raguni ghaliex il-Bord ghandu jawtorizza r-ripreza tal-fond jekk dan ma jkunx akkumpanjat b'cirkostanzi ohra li jistghu moralment jikkonvincu l-Bord li l-kerrej ikun abbanduna l-fond bl-intiza li ma jergax jirritorna jabita fih. Il-gurisprudenza dwar dan hija assodata u l-posizzjoni legali ilha hekk ghal zmien twil jekk wiehed jara s-sentenzi anke mill-1986 – **Mary Abela noe vs Joseph Camilleri App 22/4/1986**, sal-lum anke fis-sentenza citata mill-intimata **Josephine Azzopardi vs Rose Cilia App 17/10/2007**. Jidher ghalhekk illi dwar dan il-punt *cadit quaestio*.

Ir-rikorrenti prezentaw xhieda biex juru li l-konsum tad-dawl u ilma fil-fond kien naqas b'mod notevoli fi zmien li l-intimata ilha rikoverta f'dar ghall anzjani, dan mhux kontestat. Rapprezentat tas-socjeta' Go plc esebixxa Billing Statement fuq il-linja telefonika li kienet stallata fil-fond, liema dokument (fol 31) juri li fil-fond illum ma hemmx linja tat-telefon. Kif fuq intqal, il-karta tal-identita' tal-intimata ukoll turi li qed tirrisjedi f'St. Vincent de Paule u mhux fil-fond in dizamina. Dan, fil-fehma tal-Bord, ma jammontax ghal cirkostanza li turi li l-kerreja allontanat mill-fond bil-hsieb li ma tirritornax. Kontra dan il-hsieb xehed ukoll bin l-intimata li qal li hu l-hsieb tieghu li jerga jgib lill-ommu tirrisjedi fil-fond mikri lilha anke bl-assistenza ta' nurse u ghal dan ikkonferma li ghandha bizzejjed mezzi finanzjarji. Il-gurisprudenza dwar il-kaz tmur oltre minn hekk tant li f'kaz bhal dak in dizamina tirriafferma l-obbligu principali tal-kerrej li jiehu hsieb il-manteniment tal-fond bhala *bonus paterfamilias* u dan skond id-dispost tal-artikolu 1554 tal-Kodici Civili. Fil-

kawza **Michael u Angelo ahwa Fenech vs Michelina Spagnol, App. 20/4/2005**, dan l-obbligu kien ezaminat fid-dawl ta' kerreja li wriet l-intenzjoni taghha li ma tirritornax fil-fond ta' residenza mikri lilha meta mhux biss marret tirrisjedi f'dar tal-anzjani izda abbandunat l-manutenzjoni tal-fond b'tali mod li kienet qed issir hafna hsara fih, kaz dan ben divers minn dak in dizamina ghaliex ir-rikorrenti qatt ma allegaw li qed issir xi hsara fil-fond. Anqas ma allegaw l-istess rikorrenti li l-fond huwa vojt minghajr ghamara jew hwejjeg mobbli necessarji biex il-Bord jara l-intenzjoni tal-intimata biex ma tirritornax.

Il-Bord ghalhekk ma jara ebda raguni ghaliex ghandu jilqa' talba tar-rikorrenti u qed jghaddi biex jichad l-istess, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------